# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 85

1 ta' Awwissu, 2018

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat, fin-12.35 p.m.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Margaret Said – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Frances Galea – Viċi Sindku
Maria Cassar Sultana – Kunsillera
Marie Georgette Spiteri – Ambaxxattriċi għaż-Żgħażagħ

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## Aġenda Nru. 85

85.1 Tender SNTLC 04/2018 for the resurfacing of Triq l-20 ta' Lulju and major patching works at Triq Ta' Saguna

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-membri preżenti li l-Viċi Sindku, l-Kunsilliera Cassar Sultana u l-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa b'urġenza.

## 85.1 Tender SNTLC 04/2018 for the resurfacing of Triq l-20 ta' Lulju and major patching works at Triq Ta' Saguna

85.1.1 Is-Sindku qal lill-Kunsill li kellha tissejjaħ din il-laqgħa b'urġenza peress li wara li kien sar l-appell mill-offerent Road Constraction Ltd. fuq l-Offerti SNTLC01/2018 u SNTLC04/2018, l-Kunsill kien attenda għas-smiegħ tal-appel nhar il-Ħamis 12 ta' Lulju 2018 fejn l-Avukat kien ta r-raġunijiet għaliex l-offerta SNTLC04/2018 for the resurfacing of Triq 20 ta' Lulju and major patching works at Triq Ta' Saguna kellha terġa toħroġ mill-ġdid. Wara dan kollu l-Contracting Review Bord nhar it-Tlieta 24 ta' Lulju 2018 ta l-verdett tiegħu fuq din il-materja u l-Kusnill irċieva bil-miktub r-risposta tal-appel fejn dan qal li l-Kunsill jista jkompli bil-proċess biex tinfetaħ din l-offerta SNTLC04/2018 li kienet miżmuma minnu. Is-Sindku qal li hu ġie nfurmat b'dan immedjatament mis-Segretarju Eżekuttiv u talbu biex jitkompla l-proċess billi sejjaħ lill-bord li l-Kunsill kien ħatar diġa. Nhar it-Tlieta 31 ta' Lulju 2018 dan il-bord iltaqa u ġiet evalwata w aġġudikata din l-offerta. Għal din l-offerta kien hemm żewġ kuntratturi li ssottomettew din l-offerta. Dawn kienu Road Construction Co. Ltd. għall-prezz ta' €28238.64ċ u Gatt Tarmac Ltd. għal prezz ta' €34784.59ċ. Dan il-prezz ta' tnejn hu bil-VAT eskluż. Mill-evalwazzjoni rriżulta li dak rikjest fl-offerta kien mimli kif mitlub u għalhekk il-bord qabel li din l-offerta għandha tingħata lill-irħas offerent. Il-Kunsill qabel ma dan biex b'hekk ikun jista jibda x-xogħol fuq dawn it-toroq.

Il-laqgħa ntemmet fis-12.45 p.m.

Konfermati, 20 ta' Awwissu 2018

(Iffirmata) (Iffirmata)

Philip Vella
Sindku

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv